MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 67/2009

**Wallace Vella Baldacchino**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku; Joseph Vella u Miriam *sive* Many Bartolo fil-kwalita' tagħhom bħala werrieta tal-mejjet Fortunato Vella**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-23 ta' Jannar, 2009 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi l-esponenti huwa l-iben naturali ta' Dorothy Baldacchino u l-mejjet Fortunato Vella, kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 275/1989 hawn anness u mmarkat 'Dok A';

2. Illi Fortunato Vella miet fit-8 ta’ Diċembru 2001, u dan kif jirriżulta mill-Att tal-Mewt relattiv bin-numru 16/2002 hawn anness u mmarkat ‘Dok B’;

3. Illi skont l-Att tat-Twelid tal-imsemmi Fortunato Vella, missier l-istess Fortunato Vella huwa indikat bħala “Paolo”, kif jidher mill-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 6045/1921 hawn anness u mmarkat ‘Dok. C’;

4. Illi konsegwentament fl-Att tal-Mewt tal-istess Fortunato Vella, il-missier huwa ndikat bħala ‘Paolo’, skont kif jidher mill-anness ‘Dok B’;

5. Illi fil-verita’ missier Fortunato Vella kien jismu “Salvatore” u mhux “Paolo”, u kif jidher ċar minn diversi kuntratti li Fortunato Vella għamel matul ħajtu isem missieru dejjem ġie ndikat minnu bħala “Salvatore” u qatt bħala “Paolo”;

6. Illi skont l-Att taż-Żwieġ tal-istess Fortunato Vella, missier l-għarus huwa ndikat bħala “Salvatore”, u dan kif jidher mill-kopja hawn annessa u mmarkata ‘Dok. D’;

7. Illi anke fl-Att taż-Żwieġ tal-ġenituri ta’ Fortunato Vella l-għarajjes huma ndikati bħala "Salvatore Vella" u "Paola Grech", u dan skont kif jidher mill-kopja annessa u mmarkata Dok 'E';

8. Illi l-mejjet Fortunato Vella għamel testament fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Falzon fid-9 ta' Jannar 2001 (I 1130/2001), kopja ta’ liema testament qed tiġi annessa u mmarkata 'Dok F';

9. Illi fit-testament imsemmi l-mejjet Fortunato innomina bħala eredi universali u padruni assoluti tal-ġid kollu tiegħu lill-konvenuti Joseph Vella u Miriam *sive* Many Bartolo, u b'hekk naqas milli jħalli lill-esponenti s-sehem riservat skont il-liġi;

10. Illi anke fl-imsemmi testament magħmul minn Fortunato Vella, missier l-istess Fortunato Vella kien indikat bħala "Salvatore";

11. Illi sabiex l-esponenti ikun jista’ jeżerċita d-drittijiet mogħtija lilu mill-liġi, u ċioe` d-dritt li jitlob mill-eredita` tal-mejjet Fortunato Vella is-sehem riservat għalih mill-liġi, jeħtieġ li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid tal-istess Fortunato Vella u sussegwentement isiru ukoll l-korrezzjonijiet relattivi fl-Att tal-Mewt tal-istess Fortunato Vella;

12. Illi għalhekk qed isiru l-preżenti proċeduri sabiex:

(a) Fl-ewwel lok, jiġi stabbilit u ddikjarat illi missier Fortunato Vella kien jismu “Salvatore” u mhux “Paolo”;

(b) Konsegwentement jiġi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru 6045/1921 sabiex jirrifletti din il-verita’ dwar l-isem ta’ missier Fortunato Vella;

(c) Sussegwentement u immedjatament wara jiġi korrett ukoll l-Att tal-Mewt bin-numru 16/2002 sabiex jirrifletti din il-verita` dwar 1-isem ta' missier Fortunato Vella;

(d) Sussegwentement u immedjatament wara jiġi korrett ukoll l-Att tal-Twelid tal-esponent Wallace Vella Baldacchino bin-numru 275/1989 sabiex jirrifletti din il-verita’ dwar l-isem ta’ missier Fortunato Vella;

Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Prevja kull dikjarazzjoni oħra talvolta meħtieġa u neċessarja, tiddikjara u tiddeċiedi illi missier Fortunato Vella kien jismu "Salvatore" u mhux "Paolo";

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-emendi neċessarji fl-Att tat-Twelid bin-numru 6045/1921, u ċioe` jissostitwixxi l-isem

"Paolo" fil-kolonna indikata *"Isem u Kunjom Missier it-Tarbija"* b'isem "Salvatore" u kull fejn jirrikorri dak l-isem;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel l-emendi rispettivi fl-att tal-Mewt bin-numru 16/2002, u ċioe` jiġi ssostitwit l-isem "Paolo" fil-kolonna ndikata *"Isem u Kunjom Missier it-Tarbija"* bl-isem "Salvatore" u kull fejn jirrikorri dak l-isem;

4. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel l-emendi rispettivi fl-Att tal-Twelid bin-numru 275/1989, u ċioe` jiġi ssostitwit l-isem "Paolo" fil-kolonna indikata *"Annotazzjonijiet"* bl-isem "Salvatore" u kull fejn jirrikorri dak l-isem.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Joseph Vella u Miriam Bartolo, ippreżentata fit-23 ta' Frar, 2009 li permezz tagħha eċċepew:

Illi huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra l-attur, peress li huma ma għandhomx *locus standi* f'dawn il-proċeduri kif jirriżulta mill-Artikolu 253(4) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ippreżentata fis-26 ta' Frar, 2009 li permezz tagħha eċċepixxa:

(1) Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent ma joġġezzjonax għall-korrezzjoni mitluba fit-talbiet tar-rikors ġurament, pero` jirrileva li l-korrezzjonijiet għandhom jintalbu fuq l-Atti ta' l-Istat Ċivili u mhux fuq l-estratt *stante* li l-korrezzjonijiet jiġu nkorporati awtomatikament fl-estratt ladarba l-Atti tal-Istat Ċivili jiġu korretti. *Inoltre*, it-talba

għandha tkun ukoll biex il-korrezzjonijiet isiru kull fejn jirrikorri l-isem 'Paolo' li ġie erronjament indikat.

(2) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi fi kwalunkwe każ l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli għal xi nuqqas tal-esponent li m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti *stante* li d-dikjarant fuq l-Atti tal-Istat Ċivili huwa responsabbli li jivverifika li l-informazzjoni li ta lill-uffiċjal pubbliku u li ffirma għaliha hija korretta.

(3) Illi mingħajr preġudizzju wkoll, jeħtieġ li r-rikorrent jispeċifika fit-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat in-numru progressiv ta' iskrizzjoni tal-Atti tal-Istat Ċivili kollha li qed titlob li jiġu korretti, jekk hemm xi oħrajn, u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

(4) Illi għandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

(5) Salv eċċezzjonijiet oħra.

Tant għandu l-esponent x'jeċċepixxi għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Diċembru 2009 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attrici hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Ma jidhirx pero' illi il-konvenut jaħti għall-iżball (jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk) u ma għandux ibati spejjeż filwaqt illi l-konvenuti l-oħra fil-fehma tal-Qorti ma kienx hemm għalfejn jitħarrku, u kwindi lanqas huma ma għandhomi batu spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi;**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------